MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 671/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Kenneth u Marouska mizzewgin Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tat-12 ta’ Lulju 2010 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’kuntratt datat 12 ta’ Mejju 2000, in atti Nutar Dottor John Spiteri (Dok. A) is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Kenneth u Marouska mizzewgin Borg;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Kenneth u Marouska mizzewgin Borg fis-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf, tlett mija u tletin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€27,330.23) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan Account”* ta’ Kenneth u Marouska mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B8) flimkien mal-imghax

ulterjuri mid-19 ta’ Mejju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokumenti A), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kenneth u Marouska mizzewgin Borg
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Kenneth u Marouska mizzewgin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Kenneth u Marouska mizzewgin Borg gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 6 ta’ April 2011, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. C, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokumenti A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kenneth u Marouska mizzewgin Borg (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Kenneth u Marouska mizzewgin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici; u

2. Tikkundanna lil Kenneth u Marouska mizzewgin Borg ihallsu flimkien u ”*in* solidum” bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf, tlett mija u tletin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€27,330.23) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan Account”* ta’ Kenneth u Marouska mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B8) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta’ Mejju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta’ April 2011 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuti pprezentata fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2011;

Rat li s-socjeta’ attrici irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf, mija u tlieta u ghoxrin ewro u hmistax-il centezmu (€27,123.15), u dan permezz ta’ nota fl-atti ppresentata fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2011;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ sebgha u ghoxrin elf, mija u tlieta u ghoxrin ewro u hmistax-il centezmu (€27,123.15), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha li jibdew jiddekorru mill-24 ta’ Ottubru 2011 sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------